

## I

(Atti adottati skont it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obbligatorja)

## REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 383/2009

tal-5 ta' Mejju 2009

li jimponi dazju definittiv ta' antidumping u li jiġbor b'mod definittiv id-dazju provviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti wajers u swiegli tal-azzar mingħajr liga tal-prestressing u l-poststressing (wajers u swiegli PSC) li joriġinaw fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/96 tat-22 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea <sup>(1)</sup> ("ir-Regolament bażiku") u b'mod partikolari l-Artikolu 9 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mressqa mill-Kummissjoni wara li kkonsultat il-Kumitat Konsultattiv,

Billi:

## 1. PROĊEDURA

## 1.1. Miżuri provviżorji

- (1) Il-Kummissjoni, bir-Regolament (KE) Nru 1129/2008 <sup>(2)</sup> tal-14 ta' Novembru 2008 (ir-"Regolament provviżorju") imponiet dazju provviżorju tal-antidumping fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti wajers u swiegli tal-azzar mingħajr liga tal-prestressing u l-poststressing ("wajers u swiegli PSC") li joriġinaw fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina ("RPĊ").
- (2) Ta' min jinnota li l-proċedura nbdiet wara li tressaq ilment mill-Servizz ta' Informazzjoni tal-Eurostress (ESIS) f'isem il-produtturi li jirrappreżentaw proporzjon kbir tal-produzzjoni totali tal-Komunità ta' wajers u swiegli PSC, f'dan il-każ aktar minn 57 %.
- (3) Kif stabbilit fil-premessa (13) tar-Regolament provviżorju, l-investigazzjoni ta' dumping u ħsara kopriet il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2007 sal-31 ta' Diċembru 2007 (il-

"perjodu ta' investigazzjoni" jew il-"PI"). L-eżami tax-xejriet għall-valutazzjoni tal-ħsara kopra l-perjodu mill-1 ta' Jannar 2004 sa tmiem il-perjodu tal-investigazzjoni (il-"perjodu kkunsidrat").

## 1.2. Proċedura sussegwenti

- (4) Wara li ġew żvelati l-fatti u l-kunsiderazzjonijiet essenzjali, li fuq il-bażi tagħhom kien deċiż li jkunu imposti miżuri provviżorji anti-dumping ("żvelar provviżorju"), għadd ta' partijiet interessati ressqu preżentazzjonijiet bil-miktub biex juru l-fehmiet tagħhom dwar ir-riżultati provviżorji. Il-partijiet li għamlu dan ingħataw l-opportunità li jinstemgħu. Il-Kummissjoni kompliet tfittex u tivverifika t-tagħrif kollu li qieset meħtieġ għar-riżultati definittivi tagħha.
- (5) Il-Kummissjoni kompliet l-investigazzjoni tagħha fir-rigward tal-aspetti tal-interess tal-Komunità u wettqet analiżi tad-dejta tat-tweġibiet tal-kwestjonarju provduti minn xi utenti fil-Komunità wara l-impożizzjoni tal-miżuri provviżorji kontra d-dumping.
- (6) Saru erba' żjarat addizzjonali ta' verifika fuq il-post tal-kumpaniji utenti li ġejjin:
- Hormipresa SL, Santa Coloma de Queralt, Spanja,
  - Grupo Pacadar SA, Madrid, Spanja,
  - Strongforce Engineering PLC, Dartford, ir-Renju Unit,
  - Hanson Building Products Limited, Somercotes, ir-Renju Unit.

<sup>(1)</sup> ĠU L 56, 6.3.1996, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU L 306, 15.11.2008, p. 5.

- (7) Il-partijiet kollha ġew infurmati bil-fatti essenzjali u l-kunsiderazzjonijiet li fuq il-bażi tagħhom kien hemm ħsieb li tiġi rakkomandata l-impożizzjoni ta' miżuri definittivi anti-dumping fuq importazzjonijiet ta' wajers u swiegli PSC li joriġinaw fir-RPĊ u l-ġbir definittiv ta' ammonti miġbura bħala dazju provviżorju. Ingħataw ukoll perjodu li fih setgħu jagħmlu appelli sussegwentement għal dan l-iżvelar.
- (8) Il-kummenti orali u bil-miktub ppreżentati mill-partijiet interessati tqiesu u, fejn xieraq, ir-riżultati ġew modifikati skont dawn.

## 2. PRODOTT IKKONĊERNAT U PRODOTT SIMILI

### 2.1. Prodott ikkonċernat

- (9) Waħda mill-partijiet interessati qalet li tip speċifiku ta' siegla b'19-il wajer għandu jitħalla barra mill-ambitu tal-proċedura minħabba li dan it-tip ta' prodott jintuża għal applikazzjonijiet speċifiċi ħafna, ma jistax jintuża fil-konkrit imsaħħa jew elementi ta' sospensjoni jew għal pontijiet tal-istejkejbil, li huma l-applikazzjonijiet ewlenin tal-prodott ikkonċernat, u ma kienx manifatturat fil-Komunità. L-industrija tal-Komunità ġiet ikkonsultata u kkonfermat li l-prodott deskritt, jiġifieri siegla ta' 19-il wajer iżda wkoll swiegli ta' aktar minn 19-il wajer, ma kienx il-prodott ikkonċernat. L-ilment għalhekk intlaqa' u swiegli b'19-il wajer jew aktar se jitħallew barra mill-ambitu tal-prodott.
- (10) Fin-nuqqas ta' xi kummenti oħra dwar il-prodott ikkonċernat u l-prodott simili, il-premessi (14) sa (20) tar-Regolament provviżorju huma b'dan ikkonfermati.

## 3. DUMPING

### 3.1. Trattament ta' Ekonomija tas-Suq (TES)

- (11) Esportatur produttur Ċiniż ikkontesta r-riżultati provviżorji fir-rigward tad-determinazzjoni tat-TES u stqarr li l-kriterji 1 sa 3 stabbiliti fl-Artikolu 2(7)(c) tar-Regolament bażiku kienu ssodisfati.
- (12) Fir-rigward tal-kriterju 1 tal-Artikolu 2(7)(c) tar-Regolament bażiku, l-investigazzjoni dwar it-TES iddeterminat li l-ispejjeż tal-elettriku mġarrba mill-produttur esportatur ikkonċernat u li jikkostitwixxu parti importanti fl-ispiża totali tal-manifattura ma kinux ta' min jorbot fuqhom. Instab li l-ispejjeż tal-elettriku ġew fatturati permezz ta' kumpanija terza fi stat ta' stralċ (minflok direttament mill-fornitur tal-elettriku). Intagħat l-ispjegazzjoni li l-kumpanija fi stralċ li oriġinarjament kienet sid il-faċilitajiet ta' produzzjoni fejn il-prodott ikkonċernat kien manifatturat iżda li sadattant kienet fi stralċ kienet għadha titqies bħala s-sid ta' parti mill-faċilitajiet. Il-kumpanija tal-elettriku għalhekk baqgħet tibgħat il-fattura tal-konsum kollu tal-elettriku lill-kumpanija fi stralċ li minnaħa tagħha tibgħat il-fatturi ta' dawn l-ispejjeż lill-produttur esportatur ikkonċernat.

- (13) Iżda, ġie vverifikat li l-produttur esportatur xtara l-faċilitajiet ta' produzzjoni matul il-PI fl-2007 u kien tal-inqas matul parti mill-PI s-sid legali tal-faċilitajiet ta' produzzjoni. Barra minn hekk, l-ammonti li ġew irrappurtati ma setgħux jaqblu mal-kontijiet tal-produttur esportatur. Fl-aħħar nett, wara l-iżvelar provviżorju, il-kumpanija ma bagħtet ebda informazzjoni jew evidenza li setgħet ippruvat l-affidabilità tal-ispejjeż tal-elettriku u li għalhekk setgħet biddlet ir-riżultati provviżorji f'dan ir-rigward.

- (14) L-istess produttur esportatur tenna li t-tul ta' żmien limitat tal-liċenzja tiegħu tan-negozju ma jindikax biżżejjed indħil mill-Istat fi ħdan it-tifsira tal-kriterju 1 tal-Artikolu 2(7)(c) tar-Regolament bażiku kif iddeterminat bl-investigazzjoni dwar it-TES. F'dan ir-rigward ta' min jinnota li t-tul ta' żmien limitat tal-liċenzja tan-negozju nstab bħala xkiel għad-deċiżjonijiet u l-ippjanar fuq medda twila ta' żmien. B'mod partikolari, instab li kumpaniji f'sitwazzjonijiet simili normalment jibbenefikaw minn tul ħafna itwal ta' liċenzji tan-negozju. Iżda, wara l-iżvelar provviżorju, seta' jiġi ċċarat li t-tiġdid f'waqtu tal-liċenzja ta' negozju tal-produttur esportatur kienet sempliċi formalità li ma setgħetx titqies aktar bħala xkiel għal deċiżjonijiet u ppjanar ta' negozju fuq medda twila ta' żmien.

- (15) Abbażi ta' dan ta' hawn fuq, ġie konkluż li f'dan il-każ partikolari, it-tul tal-liċenzja ta' negozju ma setgħax tabilħaqq jitqies bħala ndħil sinifikanti mill-Istat fi ħdan it-tifsira tal-kriterju 1 tal-Artikolu 2(7)(c) tar-Regolament bażiku u l-argumenti tal-produttur esportatur intlaqgħu. Il-konklużjonijiet provviżorji ġew riveduti skont dan.

- (16) Il-produttur esportatur ikkonċernat ikkontesta wkoll il-fatt li nstab li ma kienx konformi mal-kondizzjonijiet stabbiliti fil-kriterju 2 tal-Artikolu 2(7)(c) tar-Regolament bażiku, jiġifieri li kellu sett wieħed ċar ta' rendikonti bażiċi vverifikati b'konformità mal-istandards internazzjonali ta' kontabilità. Ta' min jinnota li l-investigazzjoni dwar it-TES uriet li ammonti sinifikanti ta' self rikorrenti tniżżlu fir-reġistru fil-post ħażin. Minkejja li l-esportatur produttur stqarr li din l-allegazzjoni ma tikkorrispondix mal-fatti reali huwa ma bagħat ebda spjegazzjoni konvinċenti jew xi xhieda valida b'appoġġ għall-istqarrija tiegħu. Għalhekk din it-talba kellha tiġi miċħuda.

- (17) Fl-aħħar nett, l-istess esportatur produttur stqarr li ma kienx hemm xi tgħawwiġ sinifikanti, wirt tas-sistema ta' ekonomija mhux tas-suq, kif stabbilit fil-kriterju 3 tal-Artikolu 2(7)(c) tar-Regolament bażiku. B'mod partikolari, il-produttur esportatur ikkontesta l-fatt li nstab li seta' jissellef il-flus b'rata ta' mgħax li kienet taħt ir-rata tas-suq b'mod sinifikanti. Iżda, il-produttur esportatur ma pprova ebda informazzjoni ġdida jew xhieda li setgħet treġġa' lura l-iżvelar provviżorju f'dan ir-rigward u għalhekk din it-talba kellha tiġi miċħuda.

(18) Abbażi ta' dan ta' hawn fuq, u minkejja l-fatti li nstabu kif deskritti fil-premessa (14), il-fatti li nstabu dwar it-TES fir-rigward tal-produttur esportatur kif stabbilit fir-Regolament provviżorju fil-premessa (35) huma b'dan ikkonfermati.

(19) Fin-nuqqas ta' kummenti oħra fir-rigward tad-determinazzjoni tat-TES, ir-riżultati provviżorji, kif stabbiliti fil-premessi (25) sa (36) tar-Regolament provviżorju, huma b'dan ikkonfermati.

### 3.2. Trattament individwali (TI)

(20) Il-produttur esportatur li ma ngħatax TI stqarr li t-teħid ta' deċiżjonijiet tiegħu kien indipendenti b'mod suffiċjenti mill-indhila tal-Istat fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 9(5)(c) tar-Regolament bażiku.

(21) B'appoġġ għal din it-talba, il-produttur esportatur kien f'qagħda li jiċċara kif huwa magħmul il-bord tad-diretturi tal-kumpanija u d-drittijiet ta' votazzjoni ta' min għandu l-ishma. Għalhekk, il-produttur esportatur seta' juri li kien biżżejjed indipendenti minn indhila potenzjali mill-Istat fl-iffissar tal-prezzijiet skont it-tifsira tal-Artikolu 9(5)(c) tar-Regolament bażiku. Barra minn hekk, il-produttur esportatur, kif imsemmi fil-premessa (14), seta' wkoll jipprova li t-tul tal-liċenzja ta' negozju ma jstax jitqies bħala ndhila sinifikanti mill-Istat. Għaldaqstant, billi dan il-produttur esportatur issodisfa r-rekwiżiti għal TI kif stabbilit fl-Artikolu 9(5) tar-Regolament bażiku għandu jiġi kkalkulat dazju definittiv individwali li jkun applikabbli għall-prodotti manifatturati u esportati minnu.

(22) Fir-rigward ta' żewġ produtturi esportaturi li ngħataw it-TI, informazzjoni ġdida li saret disponibbli wara l-impożizzjoni tal-miżuri provviżorji uriet li persunal ewlieni ta' dawn il-kumpaniji kienu membru ta' entitajiet tal-Istat fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 9(5)(c) tar-Regolament bażiku. Iż-żewġ kumpaniji ħallew barra din l-informazzjoni fit-talba tagħhom għal TES/TI.

(23) It-tħollija barra ta' din l-informazzjoni tqieset bħala waħda li tqarra fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 18(1) tar-Regolament bażiku u l-informazzjoni pprovduta fit-talbiet rispettivi tagħhom għal TES/TI għandha ma titqiesx. Il-kumpaniji kkonċernati ngħataw l-opportunità li jipprovdut aktar spjegazzjonijiet b'mod konformi mal-Artikolu 18(4) tar-Regolament bażiku. Iżda, ebda waħda mill-kumpaniji kkonċernati ma pprovdiet spjegazzjoni sodisfaċenti. Abbażi ta' dan it-TI ġie miċħud lill-kumpaniji ta' hawn fuq.

(24) Fir-rigward tat-tielet kumpanija li ngħatat it-TI, l-industrija tal-Komunità kkontestat kemm fil-fatt kienet kumpanija kompletament ta' sidien barranin u kemm fil-fatt tissodisfa l-kriterju stabbilit fl-Artikolu 9(5)(c) tar-Regolament bażiku. Iżda, ġew ivverifikati u mqabbla l-pagamenti kollha rilevanti u t-trasferimenti bankarji meta nxtrat il-kumpanija matul l-investigazzjoni u dan wera

li l-kumpanija kienet kompletament proprjetà ta' sidien barranin. Għalhekk din it-talba kellha tiġi miċħuda.

## 4. VALUR NORMALI

### 4.1. Pajjiż analogu

(25) Ċerti partijiet interessati stqarrew li l-għażla tal-pajjiż analogu ma kinitx xierqa. B'mod partikolari intqal, li minħabba li kien hemm produttur wieħed biss ta' wajers u swiegli tal-PSC fis-suq Tork, il-livell ta' kompetizzjoni fit-Turkija mhux biżżejjed biex tibbaża l-valur normali fuq dejta li tikkonċerna lil dan il-produttur.

(26) Dawn il-partijiet, iżda, ma bagħtux xhieda ġdida f'dan ir-rigward iżda tennew l-istqarrijiet magħmula qabel l-impożizzjoni tal-miżuri provviżorji. Kif propost fil-qosor fil-premessa (44) tar-Regolament provviżorju, anki jekk hemm produttur wieħed biss fit-Turkija, l-importazzjonijiet fit-Turkija kienu sostanzjali, jiġifieri kienu jirrappreżentaw aktar minn 50 % tas-suq totali. Abbażi ta' dan u meta jitqies li ħadd mill-produtturi ta' pajjiżi oħra analogi potenzjali ma kkoopera fl-investigazzjoni preżenti, qed jiġi kkonfermat li t-Turkija tikkostitwixxi pajjiż analogu xieraq fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 2(7)(a) tar-Regolament bażiku.

(27) Fin-nuqqas ta' kummenti oħra fir-rigward tal-pajjiż analogu, il-konklużjonijiet provviżorji kif inhuma proposti fil-premessi (40) sa (45) tar-Regolament provviżorju huma b'dan ikkonfermati.

### 4.2. Metodu ta' kalkolu tal-valur normali

(28) Wieħed mill-produtturi esportaturi stqarr li l-valur normali wżat ma kienx xieraq billi għal bosta tipi ta' prodott, kif jidher fil-premessi (48) u (49) tar-Regolament provviżorju, il-valur normali nbena fuq il-bażi tal-ispejjeż ta' manifattura tal-produttur Tork. Dan il-produttur esportatur ressaq l-argument li l-valur normali, għal dawk it-tipi ta' prodott esportati mill-esportaturi Ċiniżi, kellu jiġi bbażat fuq l-ispiża ta' produzzjoni tal-esportaturi Ċiniżi nfushom.

(29) Ta' min jinnota li r-Regolament bażiku fl-Artikolu 2(7)(a) espressament jipprevedi li l-valur normali għandu jiġi ddeterminat fuq il-bażi tal-prezz jew il-valur mibni ta' pajjiż b'ekonomija tas-suq. Għalhekk, il-fatt li l-valur normali ġie ddeterminat fuq il-bażi ta' valuri mibnija ma jwassalx għall-konklużjoni li l-valuri wżati ma kinux xierqa. Ta' min jinnota li billi ma ngħatax TES lill-esportatur kkonċernat l-ispejjeż tiegħu mqabbla mal-mudelli esportati tqiesu mhux ta' min jorbot fuqhom. L-għan tal-għażla ta' pajjiż analogu huwa li jiġu stabbiliti spejjeż u prezzijiet affidabbli bbażati fuq l-informazzjoni miġbura f'pajjiż analogu xieraq. Billi ġie ddeterminat li t-Turkija kienet għażla xierqa ma kienx hemm raġuni biex l-ispejjeż marbuta mal-prodott ikkonċernat jitqiesu mhux ta' min jorbot fuqhom jew mhux xierqa.

(30) Il-produttur esportatur ikkonċernat ma ressaq ebda raġuni speċifika (għajr għal dawk imsemmija fil-premessa (25)) li l-għażla tal-pajjiż analogu kienet mhux xierqa, b'mod partikolari dwar liema bażi t-tipi ta' prodotti mmanifatturati u mibjugħa minn dan il-produttur esportatur u dawk immanifatturati u mibjugħa mill-produttur fil-pajjiż analogu tqiesu bħala li ma jistgħux jitqabblu. Dawn it-talbiet għalhekk kellhom jiġu miċħuda.

(31) Fin-nuqqas ta' kummenti oħra fir-rigward tal-metodu ta' kalkolu tal-valur normali, il-konklużjonijiet provviżorji kif inhuma proposti fil-premessi (46) sa (50) tar-Regolament provviżorju huma b'dan ikkonfermati.

#### 4.3. Prezz ta' Esportazzjoni

(32) Il-produttur esportatur imsemmi fil-premessa (52) tar-Regolament provviżorju li wettaq bejgħ f'esportazzjoni permezz tal-importatur tiegħu fil-Komunità sqarr li fl-iffissar tal-prezz ta' esportazzjoni skont l-Artikolu 2(9) tar-Regolament bażiku, kellu jintuża l-profitt attwali magħmul mill-importatur tiegħu bil-bejgħ mill-ġdid tal-wajers u l-ispjegji tal-PSC fil-Komunità.

(33) Ta' min jinnota li l-prezzijiet ta' bejgħ bejn partijiet relatati jitqiesu mhux affidabbli minħabba r-relazzjoni bejn ix-xerrej u l-bejgiegħ. Bħala konsegwenza, il-marġini ta' profitt li jirriżulta minn bejgħ mill-ġdid irid ukoll jitqies bħala mhux affidabbli. Il-produttur esportatur ma bagħatx xhieda li l-marġini ta' profitt tal-importatur tiegħu huwa madankollu affidabbli. Għalhekk din it-talba kellha tiġi miċħuda.

(34) Ta' min jinnota li l-produttur esportatur imsemmi fil-premessa (32) ġie miċħud TI għar-raġunijiet stabbiliti fil-premessi (22) u (23) u billi l-marġini ta' dumping kien għalhekk iddeterminat fuq il-bażi tal-metodoloġija deskritta fil-qosor fil-premessa (41), il-kwistjoni tal-metodoloġija applikata fid-determinazzjoni tal-prezz ta' esportazzjoni ta' dan il-produttur esportatur saret irrilevanti.

(35) Fir-rigward ta' wieħed mill-produtturi esportaturi li ngħata t-TI, l-industrija tal-Komunità kkontestat l-affidabilità tal-prezz ta' esportazzjoni li ġie rrapportat. Intqal li fid-dawl tal-kwantità żgħira esportata matul il-PI, kif ukoll iċ-ċirkustanzi partikolari (b'mod partikolari l-prodott esportat ma kellux iċ-ċertifikat meħtieġ ta' omologazzjoni) jindika relazzjoni bejn l-importatur u l-produttur esportatur u l-prezz ta' esportazzjoni korrispondenti għandu għalhekk ma jitqiesx. Iżda l-industrija tal-Komunità ma kinitx f'qagħda li tibgħat xhieda b'appoġġ tal-istqarrija tagħha. Barra minn hekk, l-investigazzjoni ma żvelatx xi rapport bejn il-produttur esportatur u l-importatur mhux relatat. Għalhekk din it-talba kellha tiġi miċħuda.

tatur u l-importatur mhux relatat. Għalhekk din it-talba kellha tiġi miċħuda.

(36) Fin-nuqqas ta' kummenti oħra fir-rigward tal-prezz ta' esportazzjoni, il-konklużjonijiet provviżorji kif inhuma proposti fil-premessa (51) tar-Regolament provviżorju huma b'dan ikkonfermati.

#### 4.4. Paragun

(37) Fin-nuqqas ta' kummenti oħra fir-rigward tal-paragun tal-valur normali u l-prezz ta' esportazzjoni, il-konklużjonijiet provviżorji kif inhuma proposti fil-premessa (53) u (54) tar-Regolament provviżorju huma b'dan ikkonfermati.

### 5. MARGĠINI TA' DUMPING

#### 5.1. Produtturi li kkooperaw mogħtija TI.

(38) Għall-kumpaniji li ngħataw TI, il-medja differenzjata tal-valur normali tqabblat mal-medja differenzjata tal-prezz ta' esportazzjoni kif stipulat fl-Artikolu 2(11) u (12) tar-Regolament bażiku.

(39) Il-medja differenzjata tal-marġini definittiv ta' dumping bħala perċentwali tal-prezz CIF fuq il-fruntiera tal-Komunità, qabel id-dazju, hija ta':

Kumpanija	Marġini ta' dumping definittiv
Kiswire Qingdao, Ltd, Qingdao	26,8 %
Ossen MaanShan Steel Wire and Co. Ltd, Maanshan, u Ossen Jiujiang Steel Wire Cable Co. Ltd, Jiujiang	49,8 %

#### 5.2. Il-produtturi esportaturi l-oħra kollha

(40) Kif propost fil-qosor fil-premessa (57) tar-Regolament provviżorju, il-livell ta' kooperazzjoni kien baxx.

(41) Kien għalhekk ikkunsidrat xieraq li jkun determinat il-marġini ta' dumping mal-pajjiż kollu abbażi tad-dejta pprovduta mill-kumpaniji li ma ngħatawx la TES lanqas TI.

(42) Abbażi ta' dan il-livell ta' dumping mal-pajjiż kollu għall-produtturi esportaturi kollha li ma ngħatawx trattament individwali, ġie stabbilit għal 50,0 % tal-prezz CIF fuq il-fruntiera tal-Komunità, bid-dazju mhux imħallas.

## 6. ĦSARA

### 6.1. Produzzjoni tal-Komunità u definizzjoni tal-industrija tal-Komunità

- (43) Fin-nuqqas ta' kummenti rigward il-produzzjoni u d-definizzjoni tal-industrija tal-Komunità, il-premessi (60) sa (63) tar-Regolament provviżorju huma b'dan ikkonfermati.

### 6.2. Konsum komunitarju

- (44) Fin-nuqqas ta' kummenti rigward il-konsum tal-Komunità, il-premessi (64) sa (66) tar-Regolament provviżorju huma b'dan ikkonfermati.

### 6.3. Importazzjonijiet fil-Komunità mir-RPĊ

- (45) Wieħed mill-partijiet interessati stqarr li l-prezz medju tal-importazzjonijiet Ċiniżi kien simili għall-prezz medju ta' bejgħ tal-industrija tal-Komunità. F'dan ir-rigward, il-fatti li nstabu mill-Kummissjoni li kienu bbażati fuq *data* mill-Eurostat għall-prezzijiet ta' importazzjoni mill-RPĊ u d-dejta vverifikata għall-industrija tal-Komunità wrew li din l-istqarrija ma kinitx korretta. Għalhekk din it-talba kellha tiġi rrifjutata.

- (46) Fin-nuqqas ta' xi kummenti oħra f'dan ir-rigward, il-premessi (67) sa (70) tar-Regolament provviżorju huma b'dan ikkonfermati.

### 6.4. Il-qagħda tal-industrija Komunitarja

- (47) Wieħed mill-utenti stqarr li l-prezzijiet medji tal-industrija tal-Komunità fl-2004 u l-2005 kienu oġhla minn dawk ippreżentati fir-Regolament provviżorju u għalhekk ma kinux korretti. Dwar din it-talba, huwa tajjeb li wieħed jenfasisza li l-fatti attwali li nstabu huma riżultat ta' investigazzjoni fil-livell tal-UE u mhux reġjonali jew nazzjonali. Billi ma ntbagħtet ebda xhieda fir-rigward ta' din it-talba mill-parti interessata, din kellha tiġi miċħuda.

- (48) Fin-nuqqas ta' kummenti oħra rigward il-qagħda tal-industrija Komunitarja, il-konklużjoni fil-premessi (71) sa (91) tar-Regolament provviżorju, li l-industrija tal-Komunità ġarbet ħsara materjali, huma b'dan ikkonfermata.

## 7. KAWŻALITÀ

### 7.1. Effetti tal-importazzjonijiet li kienu l-oġġett ta' dumping

- (49) Ċerti partijiet interessati stqarru li s-sehem tas-suq tal-importazzjonijiet Ċiniżi ma kienx biżżejjed biex jikkawża

l-ħsara mġarrba mill-industrija tal-Komunità. Kif jidher b'mod ċar fil-premessa (93) tar-Regolament provviżorju, iż-żieda qawwija ta' 2 106 % fil-volum tal-importazzjonijiet li kienu l-oġġett ta' dumping bejn l-2004 u l-PI u t-tkabbir rispettiv fis-sehem tas-suq minn 0,4 % fl-2004 għal 8,2 % fil-PI fuq is-suq tal-Komunità, kif ukoll it-tnaqqis fil-prezz ta' 18 % kif instab matul il-PI, ġraw fl-istess ħin tad-deterjorament tas-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Komunità.

- (50) Barra minn hekk, iż-żieda fl-ispejjeż tal-materja prima ewlenija, jiġifieri, il-bsaten tal-wajer, li tirrappreżenta 75 % tal-ispejjeż ta' manifattura, suppost li affettwat l-operaturi kollha fis-suq. Madanakollu, il-prezzijiet medji Ċiniżi tal-bstaen tal-wajer naqsu b'45 % bejn l-2004 u l-PI. Għalhekk il-konklużjoni hi li l-prezzjoni magħmula mill-importazzjonijiet oġġett ta' dumping, li żiedu b'mod sinifikanti fil-volum u fis-sehem tagħhom fis-suq mill-2006 'il quddiem kellha rwol determinanti fil-ħsara mġarrba mill-industrija tal-Komunità. Għaldaqstant din it-talba mhijiex milqugħa.

- (51) Fuq dik il-bażi, dak li nstab u l-konklużjonijiet milħuqa fl-premessi (92) sa (94) tar-Regolament provviżorju huma b'dan kkonfermati.

### 7.2. Effetti ta' fatturi oħra

- (52) Ċerti partijiet interessati stqarru li l-ħsara mġarrba mill-industrija tal-Komunità kienet ġejja minn importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħrajn. Kif jidher mill-premessi (95) u (96) tar-Regolament provviżorju, il-volum ta' importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħrajn żdied b'112 % mill-2004 sa tmiem il-PI. Iżda, il-prezzijiet medji ta' dawn l-importazzjonijiet kienu ħafna iktar għoljin minn dawk tal-produtturi esportaturi Ċiniżi u anki dawk tal-industrija tal-Komunità. Bħala konsegwenza ta' dan, dawn ma jistgħux ikunu kkunsidrati li kkontribwixxew għall-ħsara li ġarbet l-industrija Komunitarja.

- (53) Tnejn miż-żewġ pajjiżi terzi l-oħra li għandhom sehem magħqud fis-suq ta' 2,5 % nstabu li kellhom prezzijiet taħt il-prezzijiet ta' importazzjoni tal-prodott ikkonċernat mill-RPĊ. Madankollu, minħabba l-livell relattivament baxx ta' importazzjonijiet involuti, dan ma jistax jitqies suffiċjenti biex tinkiser ir-rabta kawżali bejn l-importazzjonijiet li kienu oġġett ta' dumping mill-RPĊ u l-ħsara li ġarbet l-industrija tal-Komunità.

- (54) Fuq dik il-bażi, dak li nstab u l-konklużjonijiet milħuqa fl-premessi 95 u 96 tar-Regolament provviżorju huma b'dan ikkonfermati.

### 7.3. Rendiment ta' esportazzjoni tal-industrija Komunitarja fil-kampjun

- (55) Ċerti partijiet interessati stqarru li l-ħsara mġarrba mill-industrija tal-Komunità kienet ġejja minn esportazzjonijiet imwettqa bi prezzijiet taħt il-kost ta' produzzjoni. L-esportazzjonijiet lejn pajjiżi mhux tal-Komunità kienu biss madwar 14 % tal-bejgħ totali tal-industrija tal-Komunità tal-prodott simili fil-PI. Dawn l-esportazzjonijiet żdiedu b'madwar 16 % bejn l-2004 u l-PI. Iżda, il-prezz tal-bejgħ ta' unità ta' esportazzjoni tal-produtturi tal-Komunità naqas bi 8 % minn EUR 715 kull tunnellata fl-2004 għal EUR 660 kull tunnellata fil-PI. Kif spjegat fil-premessa (98) tar-Regolament provviżorju, wieħed ma jistax jassumi li dan il-bejgħ sar bi prezzijiet taħt il-kost ta' produzzjoni. Dan minħabba varjazzjonijiet sinifikanti fl-ispejjeż u l-prezzijiet bejn il-kumpaniji u fuq medda ta' żmien. It-tnaqqis fil-prezz ta' esportazzjoni kien ġej mill-prezzjoni mill-esportazzjonijiet Ċiniżi fis-swieq ta' esportazzjoni ewlenin tal-industrija tal-Komunità wkoll permezz ta' trażżin qawwi tal-prezz.
- (56) Fuq dik il-bażi, dak li nstab u l-konklużjonijiet milħuqa fl-premessa (97) sa (99) tar-Regolament provviżorju huma b'dan kkonfermati.
- (57) Fin-nuqqas ta' kummenti dwar iż-żieda fl-ispejjeż ta' produzzjoni, u l-kompetizzjoni minn manifatturi oħra fil-Komunità, il-konklużjonijiet li ntlaħqu fil-premessa (100) sa (102) tar-Regolament provviżorju huma b'dan ikkonfermati.

### 7.4. Konklużjoni dwar kawżalita

- (58) Meqjusal-analiżi ta' hawn fuq, li għamlet distinzjoni xierqa u sseparat l-effetti tal-fatturi l-oħra kollha magħrufa fuq il-qagħda tal-industrija Komunitarja mill-effetti ta' ħsara tal-importazzjonijiet li kienu oġġett ta' dumping, qed jiġi kkonfermat b'dan li dawn il-fatturi l-oħra ma jaffettwawx is-sejba li l-ħsara materjali vvalutata trid tkun attribwita lill-importazzjonijiet li kienu oġġett ta' dumping.
- (59) Meqjus dan ta' hawn fuq, qed jiġi kkonfermat li l-importazzjonijiet li huma oġġett ta' dumping ta' wajers u swiegli tal-PSC li joriġinaw fl-RPĊ ikkawżaw ħsara materjali lill-industrija tal-Komunità fit-tifsira tal-Artikolu 3(6) tar-Regolament bażiku.
- (60) Fin-nuqqas ta' kummenti oħra f'dan ir-rigward, il-konklużjonijiet fil-premessa (103) sa (104) tar-Regolament provviżorju huma b'dan ikkonfermati.

## 8. INTERESS KOMUNITARJU

### 8.1. Interess tal-industrija tal-Komunità u ta' produtturi oħra tal-Komunità

- (61) Fin-nuqqas ta' kummenti rigward l-interess tal-industrija tal-Komunità u l-interess ta' produtturi oħra, il-konklużjonijiet fil-premessa (105) sa (111) tar-Regolament provviżorju huma b'dan ikkonfermati.

### 8.2. Interess tal-importaturi

- (62) Waħda mill-partijiet interessati li timporta l-wajers u s-swiegli tal-PSC mill-RPĊ allegat li l-impożizzjoni ta' kwalunkwe miżura ta' anti-dumping ikollha effetti serji fuq il-qagħda tal-importaturi billi ma jkunux jistgħu jgħaddu ż-żieda fil-prezz lill-klijenti tagħhom.
- (63) Mill-investigazzjoni ħareġ li l-marġini ta' profitt tal-importaturi għall-prodott ikkonċernat kienu relattivament għolja. Barra minn hekk, il-proporzjon baxx tal-ispejjeż tal-prodott ikkonċernat fl-ispejjeż totali tal-klijenti tagħhom għandu jagħmilha possibbli għall-importaturi biex jgħaddu kwalunkwe żieda fil-prezz lilhom. Barra minn hekk, il-kundizzjonijiet tal-kuntratti tagħhom mal-fornituri mhumiex tali li jżommu l-importaturi milli jaqilbu s-sors tal-provvista tal-prodott ikkonċernat, jew lejn kumpaniji b'dazji baxxi jew mingħajr dazju jew inkella lejn pajjiżi fornituri oħra bħat-Tajlandja u l-Afrika t'Isfel. Għalhekk, din it-talba kellha tiġi miċħuda.

- (64) Fin-nuqqas ta' kummenti oħra f'dan il-qasam partikolari, il-konklużjonijiet stabbiliti fil-premessa (112) sa (114) tar-Regolament provviżorju huma b'dan ikkonfermati.

### 8.3. Interess tal-utenti

- (65) Xi partijiet interessati stqarru li l-impożizzjoni ta' kwalunkwe miżura ta' anti-dumping ikollha effetti serji fuq il-qagħda tal-utenti tal-wajers u s-swiegli tal-PSC billi ma jkunux jistgħu jgħaddu ż-żieda fil-prezz lill-klijenti tagħhom.
- (66) Kif propost fil-premessa (4) u (5), l-effett possibbli tal-miżuri fuq il-qagħda tal-industrija tal-utent ġie eżaminat aktar fit-tul wara l-impożizzjoni ta' miżuri provviżorji billi saru investigazzjonijiet addizzjonali fuq il-post fil-bini ta' erba' utenti. Dawn l-utenti kienu kollha utenti intermedji li jipproduċu u jipprovdu l-elementi tal-konkrit għat-tisħiħ tal-konkrit, elementi ta' sospensjoni u pontijiet tal-istekkejbil.

- (67) Is-sejbiet tal-Kummissjoni wrew li għall-iktar utent rappreżentattiv li saritlu żjara, u għall-biċċa l-kbira tal-applikazzjonijiet, il-prodott ikkonċernat irrappreżenta biss 5 % tat-total tal-kost ta' produzzjoni tiegħu. Iżda bħala medja l-proporzjon għall-utenti jista' jwassal sa 13 %. L-impatt tad-dazju tal-antidumping fuq l-ispejjeż tagħhom kien stmat bejn 0 u 6 %. Madankollu, fir-rigward tal-klijenti aħħarin tagħhom (il-biċċa l-kbira kumpaniji tal-bini), l-impatt tad-dazju se jkun minimu u fi kwalunkwe każ taħt 1 % tal-kost totali tagħhom ta' produzzjoni. Bħala riżultat, ma għandux ikollhom diffikultà kbira biex jgħaddu d-dazju lill-klijenti tagħhom. Għalhekk, din it-talba kellha tiġi miċħuda.
- (68) Waħda mill-partijiet interessati stqarret li l-impożizzjoni ta' kwalunkwe miżura ta' anti-dumping twassal għal nuqqas ta' wajers u swiegli tal-PSC fir-Renju Unit minħabba d-dipendenza tas-suq tar-Renju Unit fuq l-importazzjonijiet. F'dan ir-rigward, ta' min iżomm quddiem għajnejh li s-sejbiet ġew stabbiliti fil-livell tal-UE u mhux fuq livell reġjonali jew ta' pajjiż wieħed. Madankollu, jekk wieħed iħares biss lejn is-suq tar-Renju Unit, is-sejbiet urew li l-produtturi investigati tar-Renju Unit għandhom kapaċità kbira ta' riżerva li jfornu s-suq. Barra minn hekk, fil-kumplessità tagħha, l-industrija tal-Komunità għandha biżżejjed kapaċità ta' riżerva biex tforni l-konsum kollu tal-UE. Għalhekk, din it-talba kellha tiġi miċħuda.
- (69) Saru allegazzjonijiet dwar l-eżistenza ta' kartell fl-industrija tal-Komunità tal-wajers u s-swiegli tal-PSC minn ċerti partijiet interessati. F'dan ir-rigward, ta' min jinnota li l-Kummissjoni ħarġet Stqarrija dwar l-Objettivi f'Ottubru 2008 għal għadd ta' kumpaniji li huma attivi fil-provvista tal-azzar tal-prestressing. Iżda, ebda deċiżjoni finali ma ttieħdet s'issa mill-Kummissjoni dwar din il-kwistjoni. Tabilħaqq li tintbagħat Stqarrija ta' Oġġezzjonijiet ma jippreġudikax ir-riżultat finali tal-proċedura. Jekk l-eżistenza ta' kartell tirriżulta li kienet teżisti fis-suq tal-Komunità, il-miżuri jistgħu jiġu riveduti kif xieraq.
- (70) Fin-nuqqas ta' kummenti oħra f'dan il-qasam partikolari, is-sejbiet stabbiliti fil-premessi (115) sa (117) tar-Regolament provviżorju huma b'dan ikkonfermati.

#### 8.4. Konklużjoni dwar l-interess tal-Komunità

- (71) Fid-dawl tar-riżultati tal-investigazzjoni aktar fit-tul tal-aspetti tal-interess tal-Komunità, is-sejbiet li jinsabu fil-premessa (118) tar-Regolament provviżorju huma b'dan ikkonfermati.

### 9. MIŻURI DEFINITTIVI ANTI-DUMPING

#### 9.1. Livell ta' tneħħija ta' ħsara

- (72) Għadd ta' partijiet interessati kkuntestaw is-sejba provviżorja li marġini ta' profitt ta' 8,5 % ikun marġini ta' profitt li jista' jinkiseb b'mod raġonevoli minn industrija ta' dan it-tip fis-settur taħt kundizzjonijiet normali ta' kompetizzjoni.
- (73) Waħda mill-partijiet interessati stqarret li l-kapaċità ta' profitt tal-2005 ma għandhiex titqies meta jiġi kkalkolat il-marġini ta' qliegħ tal-industrija tal-Komunità, billi din kienet sena eċċezzjonalment prosperi għas-settur. Instab li dan kien il-każ u t-talba kienet għalhekk milqugħa. Minħabba f'hekk, intuża marġini ta' profitt ta' 6,2 % għall-kalkolu tal-livell ta' tneħħija ta' ħsara, kif inkiseb fl-2004 fi żmien meta l-kwantitajiet ta' importazzjoni mill-RPĊ ma kinux sinifikanti u l-prezzijiet kienu ogħla minn dawk tal-IK.
- (74) Iż-żieda meħtieġa fil-prezz kienet imbagħad iddeterminata fuq il-bażi ta' tqabbil bejn il-prezz medju differenzjat ta' importazzjoni, kif stabbilit għall-kalkoli tat-traħħis sostanzjali fil-prezz, mal-prezz mhux ta' ħsara tal-prodotti mibjugħa mill-industrija Komunitarja fis-suq Komunitarju. Kull differenza li tirriżulta minn dan it-tqabbil ġiet imbagħad espressa bħala perċentwali tal-valur CIF totali ta' importazzjoni.
- (75) Waħda mill-partijiet interessati stqarret li l-medja differenzjata tal-marġini tal-bejgħ taħt il-prezz għandha tiġi kkalkolata bl-użu tal-kwantità ta' kull tip ta' prodott mibjugħ mill-industrija tal-Komunità daqs li kieku kien il-piż. Hija prassi konsistenti li jintuża l-valur CIF tal-esportazzjonijiet ta' kull tip ta' prodott bħallikieku kien il-piż biex tiġi kkalkolata l-medja differenzjata tal-marġini ta' bejgħ taħt il-prezz. Il-ħsieb wara dan il-kalkolu huwa li dazju kkalkulat b'dan il-mod jirriżulta, jekk jiġi applikat għall-bejgħ tal-kumpanija matul il-PI, f'bejgħ taħt il-prezz ta' żero, jiġifieri prezz mhux ta' ħsara. Dan ma jiġrix kieku l-kwantità ta' kull tip ta' prodott mibjugħ mill-industrija tal-Komunità tintuża bħallikieku kienet il-piż, kif allegat.
- (76) Il-livell ta' tneħħija ta' ħsara ta' wieħed mill-produtturi esportaturi Ċiniżi li ngħataw TI kif imsemmi fil-premessa (24), ġie kkalkulat aktar fit-tul u nstab żball fl-għadd fid-determinazzjoni provviżorja. Minħabba f'hekk, il-livell ta' tneħħija ta' ħsara ammonta għal anqas minn 2 % li tqies bħala żgħir wisq biex iħalli effett. Għaldaqstant, ebda dazju ma għandu jiġi impost fir-rigward ta' importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat manifatturat minn din il-kumpanija.
- (77) Fin-nuqqas ta' xi kummenti oħra dwar il-livell ta' tneħħija ta' ħsara, il-premessi (119) sa (122) tar-Regolament provviżorju huma b'dan ikkonfermati.
- (78) Il-livell ta' tneħħija ta' ħsara mal-pajjiż kollu ġie kkalkulat mill-ġdid abbażi tad-dejta pprovduta mill-kumpaniji li ma ngħatawx la TES lanqas TI.

## 9.2. Forma u livell ta' dazji

- (79) Fid-dawl ta' dak li ntqal u skont l-Artikolu 9(4) tar-Regolament bażiku, id-dazju anti-dumping definittiv għandu jiġi impost fuq livell suffiċjenti biex titneħħa l-ħsara kkawżata mill-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mingħajr ma jinqabeż il-marġini ta' dumping misjub.
- (80) Ir-rati ta' dazji definittivi huma definittivament stabbiliti kif ġej:

Kumpanija	Il-marġini ta' dumping	Il-marġini ta' tneħħija ta' ħsara	Rata ta' dazji definittivi ta' anti-dumping
Kiswire Qingdao, Ltd, Qingdao	26,8 %	0 %	0 %
Ossen MaanShan Steel Wire and Co. Ltd, Maanshan, and Ossen Jiujiang Steel Wire Cable Co. Ltd, Jiujiang	49,8 %	31,1 %	31,1 %
Il-kumpaniji l-oħra kollha	50,0 %	46,2 %	46,2 %

- (81) Ir-rati ta' dazju anti-dumping ta' kumpanija individwali li ġiet speċifikata f'dan ir-Regolament kienu stabbiliti fuq il-bażi tas-sejbiet tal-investigazzjoni preżenti. Għalhekk, jirriflettu l-qagħda li nstabet matul din l-investigazzjoni fir-rigward ta' dawn il-kumpaniji. Dawn ir-rati ta' dazju (għall-kuntrarju ta' dazju applikabbli fil-pajjiż kollu għall-"kumpaniji l-oħra kollha") għaldaqstant huma esklużivament applikabbli għall-importazzjonijiet ta' prodotti li joriġinaw fil-pajjiż ikkonċernat u manifatturati mill-kumpaniji msemmija. Il-prodotti importati manifatturati minn xi kumpanija oħra mhux imsemmija speċifikament fil-parti operattiva ta' dan ir-Regolament bl-isem u l-indirizz, inklużi entitajiet relatati ma' daww imsemmija speċifikament, ma jistgħux jibbenefikaw minn dawn ir-rati u għandhom ikunu suġġetti għar-rata tad-dazju applikabbli għall-"kumpaniji l-oħra kollha".
- (82) Kwalunkwe talba għall-applikazzjoni ta' din ir-rata ta' dazju ta' anti-dumping għal kumpaniji individwali (pereżempju wara bdil fl-isem tal-entità jew wara li jiġu stabbiliti entitajiet ġodda ta' produzzjoni jew ta' bejgħ) għandha tiġi indirizzata minnufih lill-Kummissjoni<sup>(1)</sup> bit-tagħrif kollu rilevanti, b'mod partikolari fir-rigward ta' kwalunkwe modifika fl-attivitajiet tal-kumpanija marbuta ma' produzzjoni, bejgħ domestiku u ta' esportazzjoni u li jkunu assoċjati, pereżempju, ma' din il-bidla fl-isem jew ma' din il-bidla fl-entitajiet ta' produzzjoni u ta' bejgħ. Jekk ikun xieraq, ir-Regolament jiġi mbaġħad emendat skont dan billi tiġi aġġornata l-lista ta' kumpaniji li jgawdu minn rati ta' dazju individwali.

(<sup>1</sup>) Il-Kummissjoni Ewropea, Direttorat Ġenerali għall-Kummerċ, Direttorat H, Uffiċċju N-105 4/92, 1049 Brussell, il-Belġju.

## 9.3. Ġbir definittiv ta' dazji provviżorji

- (83) Minħabba l-kobor tal-marġini ta' dumping li nstabu u fid-dawl tal-livell ta' ħsara ikkaġunata lill-industrija tal-Komunità, jitqies bħala meħtieġ li l-ammonti li nġabru permezz tad-dazju anti-dumping provviżorju, impost bir-Regolament provviżorju, jiġifieri r-Regolament (KE) Nru 1129/2008, għandhom jinġabru b'mod definittiv sal-punt li jinġabar l-ammont tad-dazji definittivi imposti. Fejn id-dazji definittivi jkunu aktar baxxi mid-dazji provviżorji, l-ammonti miġbura b'mod provviżorju li jkunu ogħla mir-rata definittiva ta' dazji anti-dumping għandhom jinħelsu. Fejn id-dazji definittivi huma ogħla mid-dazji provviżorji, għandhom jinġabru b'mod definittiv biss l-ammonti miġbura fil-livell tad-dazji provviżorji. L-ammonti miġbura b'mod provviżorju li tħallew barra mill-ambitu tal-prodott, skont il-premessa (9), għandhom jinħelsu.

## 9.4. Sorveljanza speċjali

- (84) Sabiex jitnaqqsu kemm jista' jkun ir-riskji ta' qerq minħabba d-differenza għolja fir-rati ta' dazju fost il-produtturi esportaturi, jitqies li huma meħtieġa miżuri speċjali f'dan il-każ biex jiżguraw l-applikazzjoni xierqa tad-dazji anti-dumping. Dawn il-miżuri speċjali jinkludu dan li ġej:
- (85) Il-preżentazzjoni lill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri ta' fattura kummerċjali valida li tkun f'konformità mar-rekwiżiti stipulati fl-Anness ta' dan ir-Regolament. L-importazzjonijiet li ma jkunux akkumpanjati b'fattura bħal din għandhom jiġu soġġetti għad-dazju residwu tal-anti-dumping li japplika għall-esportaturi l-oħra kollha.
- (86) Jekk l-esportazzjonijiet mill-kumpanija li tibbenefika minn rati aktar baxxi ta' dazju individwali jiġdiedu b'mod sinifikanti fil-volum wara l-impożizzjoni tal-miżuri kkonċernati, din iż-żieda fil-volum tista' titqies bħala waħda li tikkostitwixxi fiha nnifisha bidla fil-mudell ta' kummerċ dovuta għall-impożizzjoni ta' miżuri skont it-tifsira tal-Artikolu 13(1) tar-Regolament bażiku. F'dawn iċ-ċirkustanzi u sakemm jintlaħqu l-kundizzjonijiet jista' jingħata bidu għal investigazzjoni dwar qerq. Din l-investigazzjoni tista', fost l-oħrajn, teżamina l-ħtieġa għat-tneħħija ta' rati ta' dazju individwali u għall-impożizzjoni konsegwenti ta' dazju mal-pajjiż kollu.

## 10. IMPENJI

- (87) Wara l-iżvelar tal-fatti u l-kunsiderazzjonijiet essenzjali li fuqhom kien maħsub li tiġi rakkomandata l-impożizzjoni ta' miżuri definittivi ta' anti-dumping, wieħed mill-produtturi esportaturi li nġhata trattament individwali offra impenn ta' prezz skont l-Artikolu 8(1) tar-Regolament bażiku.



(88) Din l-offerta ġiet eżaminata u nstab li matul il-PI, il-prezzijiet tal-prodott kienu estremament varjabbli, jiġifieri d-differenza bejn l-iktar prezz ta' bejgħ baxx u l-ogħla lejn l-UE għall-istess kategorija ta' prodott tista' tvarja sa kważi 46 % għall-kumpanija msemija. Barra minn hekk, varjazzjonijiet sinifikanti fil-prezz insabu wkoll fil-prezzijiet ta' bejgħ tal-industrija Komunitarja matul il-perjodu meġjus. Għalhekk, il-prodott mhux adatt għal impenn ta' prezz fiss. Il-kumpanija proponiet li l-prezz minimu jintrabat mal-indiċi fuq il-bażi tal-iżvilupp tal-prezz ta' materja prima, jiġifieri l-vireg tal-wajer. Madankollu minħabba n-nuqqas ta' informazzjoni disponibbli b'mod pubbliku dwar il-prezz għall-materja prima wżata fil-prodott ikkonċernat u fid-dawl tat-tendenza bil-kontra fil-prezzijiet ta' materja prima li tista' titqabbel magħha, prinċipalment il-kwalità tal-immaljar tal-vireg tal-wajer, ma għet stabbilita ebda korrelazzjoni bejn il-prezzijiet ta' bejgħ tal-prodott lest fil-komunità u l-materja prima prinċipali. L-impenn tal-kumpanija jitqies bħala mhux prattiku skont it-tifsira tal-Artikolu 8(3) tar-Regolament bażiku billi ma jnehix l-effett ta' ħsara tad-dumping li nstab.

(89) Barra minn hekk, il-prodott ikkonċernat jeżisti f'bosta tipi differenti. Il-kumpanija, sabiex tiffaċilita l-irrapportar mitlub fil-qafas tal-investigazzjoni, issimplifikat il-kriterji ta' klassifikazzjoni tal-prodott u rranġat biex tiġbor fi gruppi l-għadd ta' tipi ta' prodotti mmanifatturati u mibjugħa. Dan, iżda, ma jbidilx il-fatt li l-kumpanija pproduċiet u biegħet bosta tipi ta' wajer u swiegli lejn l-UE matul il-PI. Sabiex tillimita r-riskju ta' kontra-kumpens bejn tipi ta' prodott differenti, il-kumpanija offriet li tirrispetta tliet prezzijiet ta' importazzjoni minimi, wieħed għall-wajers tal-PSC u tnejn għas-swiegli skont id-dijametru. Iżda, minħabba r-raġunijiet deskritti fil-premessa (88), l-impenn offrut mill-produttur esportatur ikkonċernat ma setax jintlaqa'.

## 11. TIBDIL TAL-ISEM

(90) Wara l-PI u waqt il-kors tal-investigazzjoni preżenti, wieħed mill-produtturi esportaturi kkonċernati, grupp li jikkonsisti f'żewġ kumpaniji relatati, jiġifieri Ossen MaanShan Steel Wire and Co. Ltd, MaanShan, u Ossen Jiujiang Steel Wire Cable Co. Ltd, Jiujiang, biddel ismu għal Ossen Innovation Materials Co. Joint Stock Company Ltd, MaanShan, u Ossen Jiujiang Steel Wire Cable Co. Ltd, Jiujiang.

(91) It-tibdil ma jinvolvix xi bidla sostantiva li jkollha impatt fuq il-konklużjonijiet fl-investigazzjoni attwali u għalhekk ġie konkluż li l-konklużjonijiet definittivi fir-rigward ta' Ossen MaanShan Steel Wire and Co. Ltd, MaanShan, u Ossen Jiujiang Steel Wire Cable Co. Ltd, Jiujiang huma applikabbli għal Ossen Innovation Materials Co. Joint Stock Company Ltd, MaanShan, u Ossen Jiujiang Steel Wire Cable Co. Ltd, Jiujiang.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

### Artikolu 1

1. Dazju definittiv ta' anti-dumping huwa b'dan impost fuq importazzjonijiet ta' wajer tal-azzar mhux ibbanjat jew mhux miksi mingħajr liga, wajer tal-azzar mingħajr lega bbanjat jew miksi biż-żingu u swiegli tal-azzar mingħajr liga kemm jekk ibbanjati jew miksija kemm jekk le b'mhux aktar minn 18-il wajer, li fihom 0,6 % bil-piż jew aktar ta' karbonju, b'dimensjoni ta' profil trasversali massimu li taqbeż it-3 mm, li jaqgħu fi ħdan il-kodiċi NM ex 7217 10 90, ex 7217 20 90, ex 7312 10 61, ex 7312 10 65 u ex 7312 10 69 (kodiċi TARIC 7217 10 90 10, 7217 20 90 10, 7312 10 61 11, 7312 10 61 91, 7312 10 65 11, 7312 10 65 91, 7312 10 69 11 u 7312 10 69 91) u li joriġinaw fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina.

2. Ir-rata tad-dazju ta' anti-dumping applikabbli għall-prezz nett, liberu fil-fruntiera Komunitarja, qabel id-dazju, tal-prodotti deskritti fil-paragrafu 1 u manifatturati mill-kumpaniji ta' hawn taħt għandha tkun kif ġej:

Kumpanija	Dazju ta' anti-dumping	Kodiċijiet addizzjonali TARIC
Kiswire Qingdao, Ltd, Qingdao	0 %	A899
Ossen Innovation Materials Co. Joint Stock Company Ltd, MaanShan, and Ossen Jiujiang Steel Wire Cable Co. Ltd, Jiujiang	31,1 %	A952
Il-kumpaniji l-oħra kollha	46,2 %	A999

3. L-applikazzjoni tar-rati ta' dazju individwali speċifikati għall-kumpaniji msemija fil-paragrafu 2 għandha sseħħ bil-kundizzjoni li tkun ippreżentata fattura kummerċjali valida lill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri, li trid tkun b'konformità mar-rekwiżiti stipulati fl-Anness. Jekk din il-fattura ma tiġix ippreżentata tapplika r-rata ta' dazju applikabbli għall-kumpaniji l-oħra kollha.

4. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, id-dispożizzjonijiet fis-seħħ li jikkonċernaw dazji ta' dwana għandhom japplikaw.

### Artikolu 2

L-ammonti miġbura bħala dazji provviżorji ta' anti-dumping skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1129/2008 tal-14 ta' Novembru 2008 fuq importazzjonijiet ta' ċerti wajers u swiegli tal-azzar mingħajr liga tal-prestressing u l-poststressing (wajers u swiegli PSC) li joriġinaw fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina għandhom jinġabru b'mod definittiv. L-ammonti miġbura b'mod provviżorju għall-prodotti mhux koperti bl-Artikolu 1(1) għandhom jinħelsu.

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidhrol fis-seħħ fil-jum ta' wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 5 ta' Mejju 2009.

*Għall-Kunsill*  
*Il-President*  
M. KALOUSEK

---

*ANNEX*

Stqarrija ffirmata minn uffiċjal tal-kumpanija, fil-format li ġej trid tidher fuq il-fattura kummerċjali valida msemmija fl-Artikolu 1(3):

1. L-isem u l-pożizzjoni tal-uffiċjal tal-kumpanija li ħarġet il-fattura kummerċjali.
2. L-istqarrija li ġejja

"Jiena, hawn taħt iffirmat, niċċertifika li l-[volum] ta' wajers u swiegli tal-PSC mibjugħa għall-esportazzjoni lill-Komunità Ewropea koperti minn din il-fattura ġie mmanifatturat minn (isem il-kumpanija u s-sede reġistrata) (Kodiċi addizzjonali TARIC) fi (il-pajjiż ikkonċernat). Niddikjara li l-informazzjoni pprovduta f'din il-fattura hija kompluta u korretta.

Data u firma"

---